

Ittra ta' qabel l-għeluq għal ilment multiplu dwar allegat każ ta' ksur mill-Italja tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE u tad-drittijiet fundamentali relatati mal-istat ta' emerġenza u miżuri oħra - CHAP (2022)00121

Fl-2022, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet għadd kbir ta' lmenti dwar allegat każ ta' ksur mill-Italja tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE u tad-drittijiet fundamentali relatati mal-istat ta' emerġenza u miżuri oħra. Dawn l-ilmenti kienu rreġistrati bir-referenza CHAP(2022)00121.

L-ilmentaturi essenzjalment isostnu li l-Italja kienet qed tonqos milli tissodisfa l-obbligu tagħha skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari r-rispett tal-prinċipju tal-legalità u l-istat tad-dritt, billi ddikjarat stat ta' emerġenza nazzjonali mingħajr bażi legali xierqa u ċaħħdet lill-Parlament Taljan mill-prerogattivi tiegħu.

Il-pandemija tal-COVID-19 hija sfida bla preċedent, b'impatti estensivi fuq is-saħħa pubblika u l-aspetti kollha ta' ħajjita. Il-Kummissjoni tkompli taħdem mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE, bl-appoġġ taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (European Centre for Disease Prevention and Control, ECDC).

Il-Kummissjoni tinnota li fl-Istati Membri kollha l-pandemija tal-COVID-19 ittestjat il-kontrolli u l-bilanċi istituzzjonali li fuqhom huwa bbażat l-Istat tad-Dritt.

Il-Kummissjoni insistiet mill-bidu nett li r-reazzjonijiet għall-pandemija tal-COVID-19 iridu jirrispettaw il-prinċipji u l-valuri fundamentali, kif stabbiliti fit-Trattati Ewropej. B'mod partikolari, huwa meħtieġ skrutinju mill-qrib biex jiġi żgurat li s-setgħat ta' emerġenza użati b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 ma jwasslux għal bidla aktar permanenti fil-bilanċ tas-setgħat fil-livell nazzjonali.

Il-Kummissjoni ilha timmonitorja mill-qrib il-miżuri meħuda mill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-COVID-19. Ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ ġew riflessi, fejn rilevanti, fir-Rapporti tal-2020 u l-2021 dwar l-Istat tad-Dritt. Kif rifless f'dawn ir-Rapporti, is-sistemi nazzjonali wrew reżiljenza konsiderevoli.

Filwaqt li inizjalment ħafna mir-reazzjoni għall-kriżi ġiet mill-eżekuttiv, maż-żmien, is-sorveljanza mill-parlamenti, mill-qrati u minn awtoritajiet indipendenti oħra żdiedet.

Rigward is-sorveljanza parlamentari, jidher li l-Italja żammet ir-responsabbiltà tal-Parlament għall-iskrutinju leġiżlattiv dwar miżuri relatati mal-pandemija (pereż. digriet-liġijiet immedjatament effettivi ġew ikkonvertiti mill-Parlament f'liġi) filwaqt li l-Gvern implimenta prinċipji stabbiliti fid-digriet-liġijiet permezz ta' atti amministrattivi biex tiġi miġġielda l-emerġenza tas-saħħa fir-rigward tal-qafas legali, kif iddikjarat reċentement mill-Qorti Kostituzzjonali Taljana dwar il-kwistjoni (id-Deċiżjoni Nru 198 tat-23 ta' Settembru 2021).

L-iskrutinju tal-legalità, il-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità tal-miżuri tal-COVID-19 mill-Qorti Kostituzzjonali (u qrati nazzjonali oħra) kien kontropiż essenzjali għas-setgħat tal-Gvern biex jieħu deċiżjonijiet.

Il-monitoraġġ tal-Kummissjoni juri ħafna żviluppi pożittivi u eżempji li għandhom jintużaw sabiex jittejjeb ir-rispons legali u politiku fi żminijiet ta' kriżi, biex jissaħħu l-istat tad-dritt u r-reżiljenza demokratika.

Madankollu, huwa importanti li jifakkar li, hekk kif is-sitwazzjoni epidemjoloġika tippermetti, l-Istat Membru jrid jerġa' lura għal bilanċ normali ta' poter, u ċ-ċittadini jridu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom.

Għalhekk, il-monitoraġġ tal-Kummissjoni se jkompli sakemm jitneħħew il-miżuri ta' emerġenza kollha. F'dak li għandu x'jaqsam mal-Italja, il-Gvern ħabbar it-tmiem tal-istat ta' emerġenza sal-31 ta' Marzu 2022.

L-ilmentaturi jsemmu wkoll l-użu domestiku ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE (li l-verżjoni Taljana tiegħu tissejjaħ "pass ekoloġiku") biex jirregolaw l-aċċess għat-trasport pubbliku.

Fl-14 ta' Ġunju 2021, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, li jstabbilixxi qafas komuni għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli dwar il-vaċċinazzjoni, l-ittestjar u l-irkupru biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19¹.

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jfittex li jiffaċilita l-moviment liberu fl-UE billi jipprovdi liċ-ċittadini b'ċertifikati interoperabbli u aċċettati b'mod reċiproku dwar il-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19, l-ittestjar u l-irkupru li jistgħu jużaw meta jivvjaġġaw. Meta l-Istati Membri jirrinunzjaw ċerti restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu għal persuni fil-pussess ta' prova tat-tilqim, tat-test jew tal-fejqa, huma obbligati jaċċettaw iċ-ċertifikati COVID Diġitali tal-UE maħruġa minn Stati Membri oħra bl-istess kundizzjonijiet. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li r-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ma jobbligax lill-Istati Membri jirrikjedu li l-vjaġġaturi jkollhom fil-pussess tagħhom ċertifikat meta jivvjaġġaw.

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jkopri l-użu ta' ċertifikati għall-ivvjaġġar fl-UE tul il-pandemija tal-COVID-19. L-Istati Membri jibqgħu dawki li jiddeċiedu dwar l-użu domestiku ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE. Il-liġi tal-UE la tippreskrivi u lanqas tipprojbixxi l-użu domestiku ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE (bħal pereżempju għall-aċċess għal avvenimenti jew ristoranti).

Huma l-Istati Membri li jiddeċiedu liema miżuri ta' protezzjoni għas-saħħa pubblika huma meqjusa l-aktar xierqa fil-kuntest ta' aċċess, pereżempju, għall-post tax-xogħol, avvenimenti, trasport pubbliku, eċċ.

Jekk Stat Membru juża ċ-ċertifikati COVID-19 għal finijiet domestiċi, jenħtieġ li jipprevedi bażi ġuridika fil-liġi nazzjonali li trid tikkonforma, fost l-oħrajn, mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*. Jenħtieġ li jiżgura wkoll li ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jiġi aċċettat bis-siħ biex jiġi żgurat li l-vjaġġaturi li jmorru f'dan l-Istat Membru (f'dan il-każ, l-Italja) ma jkollhomx għalfejn jiksbu ċertifikat COVID nazzjonali addizzjonali.

Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 168(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri huma responsabbli biex jiddefinixxu l-politika tas-saħħa nazzjonali tagħhom kif ukoll l-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u kura medika. Il-gvernijiet nazzjonali għalhekk jiddeċiedu dwar il-miżuri speċifiċi bbażati fuq is-sitwazzjoni epidemjoloġika u soċjali nazzjonali ta' kull pajjiż. B'mod partikolari, ir-responsabbiltà għall-politiki, il-programmi u s-servizzi tat-tilqim hija tal-Istati Membri. Dan japplika wkoll għal-leġiżlazzjoni dwar it-tilqim, inkluż jekk dan għandux ikun obligatorju jew le. Kull mistoqsija dwar il-politiki tal-Istati Membri f'dan ir-rigward jenħtieġ li għalhekk tiġi indirizzata lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli.

Barra minn hekk, skont it-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea², il-Kummissjoni Ewropea ma għandha l-ebda setgħat ġenerali li tintervjeni mal-Istati Membri fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. Tista' tagħmel dan biss jekk tkun involuta kwistjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma tapplikax għal kull sitwazzjoni ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali. Skont l-Artikolu 51(1) tagħha, il-Karta tapplika

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19 (jinsab fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:32021R0953>).

² Għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Għall-Istati Membri biss meta huma jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni Ewropea.

Meta ma jkunx il-każ, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati u protetti b'mod effettiv f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom u mal-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, il-Kummissjoni mhijiex kompetenti biex tintervjeni f'dak ir-rigward.

Barra minn hekk, ma hemm l-ebda liġi tal-UE li tipprojbixxi d-differenzi fit-trattament fuq il-post tax-xogħol minħabba li persuna tkun tlaqqmet jew le. B'mod partikolari, ma hemm l-ebda dispożizzjoni tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali (Occupational Safety and Health, "OSH"), li tikkonċerna l-aċċess għall-post tax-xogħol skont it-tilqim ta' persuna. Għalhekk, huwa f'idejn l-Istati Membri li jilleġiżlaw, jekk ikun meħtieġ, f'dan il-qasam.

Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemm l-ebda raġuni biex dan il-każ jitkompla u li dan il-każ għandu jingħalaq.

Madankollu, jekk l-ilmentaturi jkollhom xi informazzjoni ġdida li tissuġġerixxi li n-Netherlands wettqet ksur tal-liġi tal-Unjoni li ma jkunx kopert mill-valutazzjoni ta' hawn fuq u li jista' jiġġustifika eżami ulterjuri tal-ilment, huma mistiedna jippreżentaw din l-informazzjoni ġdida lill-Kummissjoni Ewropea fi żmien erba' ġimgħat mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż formali. Meta ma tasal l-ebda informazzjoni ġdida fi żmien erba' ġimgħat, jew meta l-informazzjoni ġdida li tasal ma twassalx għal konklużjoni differenti, il-Kummissjoni tkun tista' tagħlaq il-każ.